MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tas-17 ta' Gunju, 2003

Talba Numru. 90/2003

**Charlot Spiteri**
**vs**

**Emmanuel Azzopardi**

**It-Tribunal,**
**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mill-attur fis-17 ta' Jannar, 2003 fejn intalab il-hlas ta' tlett mija u tlett liri Maltin u sebgha u erbghin centezmu (Lm303.47), jew somma verjuri li tigi stabbilita mit-Tribunal rapprezentanti danni kkawzati fil-vettura proprjeta` ta' l-attur meta fit-18 ta' Awissu, 2002, fi Triq il-Kunsill ta' l-Ewropa, Luqa, l-konvenut li kien qed isuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni CAC-105 tal-marka BMW, habat fil-vettura bin-numru ta' registrazzjoni EAX-691 tal-marka Lada proprjeta` ta' l-attur, u dan prevja dikjarazzjoni li din il-kollizjoni grat unikament minhabba negligenza, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut;**

**Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali ntavolata kontestwalment, u ta' l-ittra legali datata 22 ta' Ottubru, 2002, bl-imghax legali kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenut baqa' ma deherx u lanqas ma pprezenta risposta.**

**Semgha x-xhieda ta' Charlot Spiteri. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esibiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**
**1. Din il-kawza qed issir ghad-danni konsegwenza ta' kollizzjoni li sehhet fit-18 ta' Awissu, 2002, fi Triq il-Kunsill ta' l-Ewropa, Luqa. L-attur kien il-proprjetarju tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni EAX-691 tal-marka Lada, filwaqt li l-konvenut kien qed isuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni CAC-105 tal-marka BMW.**
**2. Mill-provi jirrizulta waqt li l-attur kien qed jimmanuvra madwar r-roundabout biex jibqa' sejjer ghad-dritt, il-konvenut baqa' hiereg minn fuq "give way sign" u baqa' diehel go fih. Il-konvenut kien hiereg minn Garibaldi Road, filwaqt li l-attur kien miexi fi triq il-Kunsill ta' l-Ewropa.**
**3. It-Tribunal hu tal-fehma li l-konvenut kellu obbligu li jieqaf qabel ma johrog minn fuq il-"give way sign" u jara li jista' johrog minghajr ma jkun ta' ostakolu ghat-traffiku li jkun ghaddej, haga li jidher li l-konvenut m'ghamilx. Anke id-danni riportati fil-vettura ta' l-attur, ossija fil-mudguard in–naha tax-xellug huma indikativi li l-konvenut ma kienx qieghed attent hu u hiereg ghall go triq il-Kunsill ta' l-Ewropa. Ghalhekk il-konvenut ghandu jigi ritenut unikament responsabbli ghad-danni li garrab l-attur.**
**4. Skond ma xehed l-attur id-danni kienu jammontaw ghall-mitejn u tlieta u tmenin lira Maltija u sebgha u erbghin centezmu (Lm283.47), u dana skond ma jirrizulta mid-dokumenti esibiti.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata fl-ammont ta' mitejn u**

**tlieta u tmenin lira Maltija u sebgha u erbghin centezmu (Lm283.47), u wara li ra' l-Art.13(b) tal-Kap.380 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lilll-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' mitejn u tlieta u tmenin lira Maltija u sebgha u erbghin centezmu (Lm283.47) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mill-lum.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali prezentata kontestwalment mal-avviz, u ta' l-ittra legali datata 22 ta' Ottubru, 2002, ghandhom jigu sopportati mill-konvenut skond il-Ligi.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------